- (20) Il-Kummissjoni se tkun qed timmonitorja, fuq bażi kontinwa, l-iżviluppi fis-settur tal-vetturi bil-mutur u se tieħu azzjoni rimedjali xierqa jekk jinħoloq nuqqas ta' kompetizzjoni li jista' jwassal għal dannu lill-konsumatur fuq is-suq tad-distribuzzjoni ta' vetturi bil-mutur ġodda jew tal-forniment tal-partijiet tal-bdil jew tas-servizzi ta' wara l-bejħ tal-vetturi bil-mutur.
- (21) Il-Kummissjoni tista' tirtira l-benefiċċju ta' dan ir-Regolament, skont l-Artikolu 29(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implementazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (¹) meta, f'każ partikolari, akkordju li tapplika għalih l-eżenzjoni prevista f'dan ir-Regolament ikollu madankollu effetti li huma inkompatibbli mal-Artikolu 101(3) tat-Trattat.
- (22) L-awtorità tal-kompetizzjoni ta' Stat Membru tista' tirtira l-benefiċċju ta' dan ir-Regolament skont l-Artikolu 29(2) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 fir-rigward tat-territorju ta' dak l-Istat Membru, jew parti minnu, meta, f'każ partikolari, akkordju li tapplika għalih l-eżenzjoni prevista f'dan ir-Regolament ikollu madankollu effetti li jkunu inkompatibbli mal-Artikolu 101(3) tat-Trattat fit-territorju ta' dak l-Istat Membru, jew fparti minnu, u fejn tali territorju jkollu l-karatteristiċi kollha ta' suq ġeografiċku distint.
- (23) Fid-deċiżjoni dwar jekk il-benefiċċju ta' dan ir-Regolament għandux jiġi ritrat skont l-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, għandhom importanza partikolari l-effetti antikompetittivi li jistgħu jirriżultaw mill-eżis-tenza ta' netwerks paralleli ta' akkordji vertikali b'effetti simili li jirrestrinġu b'mod sinifikanti l-aċċess għal suq rilevanti jew il-kompetizzjoni fl-istess suq. Tali effetti kumulattivi jistgħu pereżempju, jirriżultaw fil-każ ta' distribuzzjoni selettiva jew obbligi li wieħed ma jikkompetix.

¹) ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1.

- (24) Sabiex issaħħaħ is-superviżjoni ta' netwerks paralleli ta' akkordji vertikali b'effetti antikompetitivi simili u li jkopru aktar minn 50 % ta' suq partikolari, il-Kummissjoni tista', permezz ta' regolament, tiddikjara li dan ir-Regolament ma japplikax għal akkordji vertikali li jkun fihom restrizzjonijiet spċifici relataati mas-suq ikkonċernat, biex b'hekk l-Artikolu 101 tat-Trattat jerġa' japplika bis-sħiħ għal dawn l-akkordji.
- (25) Huwa xieraq li jitfassal rapport ta' evalwazzjoni tal-operat ta' dan ir-Regolament sabiex jiġu eżaminati l-effetti ta' dan ir-Regolament fuq il-kompetizzjoni fil-bejgħ bl-imnun ta' vetturi bil-mutur, fil-provvista ta' partijiet tal-bdil u fis-servizzi ta' manutenzjoni ta' wara l-bejgħ għall-vetturi bil-mutur fis-suq intern,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I
DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

Artikolu 1

Definizzjonijiet

1. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "akkordju vertikali" tfisser akkordju jew prattika miftiehma konkluż bejn żewġ impriżzi jew aktar li kull waħa minnhom topera, għall-iskopijiet tal-akkordju jew tal-prattika miftiehma, flivell differenti tal-katina ta' produzzjoni jew ta' distribuzzjoni, u li jirrigwarda l-kundizzjonijiet li taħthom il-partijiet jistgħu jixtru, ibieħu jew ibieħu mill-ġdid ċerti ogħġetti jew servizzi;
- (b) "restrizzjoni vertikali" tfisser restrizzjoni tal-kompetizzjoni fakkordju vertikali li taqa' fl-ambitu tal-Artikolu 101(1) tat-Trattat;
- (c) "garaxx tat-tiswija awtorizzat" tfisser fornitur ta' servizzi ta' tiswija u manutenzjoni għall-vetturi bil-mutur li jopera fi ħdan is-sistema ta' distribuzzjoni stabbilita minn fornitur ta' vetturi bil-mutur;
- (d) "distributur awtorizzat" tfisser distributur ta' partijiet tal-bdil għall-vetturi bil-mutur li jopera fi ħdan is-sistema ta' distribuzzjoni stabbilita minn fornitur ta' vetturi bil-mutur;
- (e) "garaxx tat-tiswija indipendenti" tfisser:

- (i) fornitur ta' servizzi ta' tiswija u manutenzjoni għall-vetturi bil-mutur li ma joperax fi ħdan is-sistema ta' distribuzzjoni stabbilita mill-fornitur tal-vetturi bil-mutur li għalihom jipprovd t-tiswija jew il-manutenzjoni,
- (ii) garaxx tat-tiswija awtorizzat fi ħdan is-sistema ta' distribuzzjoni ta' fornitur spċificu, sa fejn huwa jipprovd i-

servizzi ta' tiswija jew manutenzjoni għal vetturi bil-mutur li fir-rigward tagħhom huwa mhuwiex membru tas-sistema ta' distribuzzjoni tal-fornitur rispettiv,

(f) "distributur indipendenti" tfisser:

(i) distributur ta' partijiet tal-bdil għall-vetturi bil-mutur li ma joperax fi ħdan is-sistema ta' distribuzzjoni stabbilita mill-fornitur tal-vetturi bil-mutur li għalihom jiddistribwixxi l-partijiet tal-bdil;

(ii) distributur awtorizzat fi ħdan is-sistema ta' distribuzzjoni ta' fornitur spċificu, sa fejn huwa jiddistribwixxi partijiet tal-bdil għall-vetturi bil-mutur li fir-rigward tagħhom huwa mhuwiex membru tas-sistema ta' distribuzzjoni tal-fornitur rispettiv;

(g) "vettura bil-mutur" tfisser vettura awtomotriċi maħsuba għall-użu fuq it-toroq pubbliċi u li għandha tlieta jew aktar roti għat-triq;

(h) "partijiet tal-bdil" tfisser ogħġetti li għandhom jiġu stallati fi jew fuq vettura bil-mutur ħalli jibdlu komponenti ta' dik il-vettura, inklużi ogħġetti bħal lubrikanti li huma neċċessarji għall-użu ta' vettura bil-mutur, bl-eċċeżżjoni tal-karburant;

(i) "sistema ta' distribuzzjoni selettiva" tfisser sistema ta' distribuzzjoni fejn il-fornitur jaċċetta li jibiegħ l-ġġidli jew is-servizzi li jkunu s-suġġett tal-kuntratt, jew direttament jew indirettament, lil distributuri magħiż-za abbażi ta' kriterji spċificati biss u fejn dawn id-distributuri jobbligaw ruħhom li ma jbiegħux dawn l-ġġidli jew servizzi lil distributuri li ma jkunux awtorizzati fit-territorju rriżervat mill-fornitur sabiex jopera dik is-sistema.

2. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, it-termini "impriżza", "fornitur", "manifattur" u "xernej" għandhom jinkludu l-intrapriżi konnessi rispettivi tagħhom.

"Impriżza konnessi" tfisser:

(a) impiżi li fihom parti fl-akkordju, direttament jew indirettament:

(i) ikollha s-setgħa li teżerċita iktar minn nofs id-drittijiet tal-vot, jew

(ii) ikollha s-setgħa li taħtar aktar minn nofs il-membri tal-bord ta' superviżjoni, tal-bord ta' tmexxja jew ta' korpi li jirrappreżentaw lill-impiżza legalment, jew

(iii) ikollha d-dritt li tiġġestixxi l-affarrijiet tal-impiżza;

(b) impiżi li direttament jew indirettament ikollhom id-drittijiet jew is-setgħat elenkti fil-punt (a) fuq parti fl-akkordju;

(c) impiżi li fihom impiżza msemmija fil-punt (b) ikollha, direttament jew indirettament, id-drittijiet jew is-setgħat elenkti fil-punt (a);

(d) impriżi li fihom parti fl-akkordju flimkien ma' waħda jew aktar mill-impriżi msemmija fil-punti (a), (b) jew (c), jew li fihom tnejn jew aktar mill-impriżi tal-aħħar, konġuntament ikollhom id-drittijiet jew is-setgħat elenkati fil-punt (a);

(e) impriżi li fihom id-drittijiet jew is-setgħat elenkati fil-punt (a) ikunu miżmura konġuntament minn:

(i) partijiet fl-akkordju jew l-impriżi konnessi rispettivi tagħhom imsemmija fil-punti (a) sa (d), jew

(ii) parti waħda jew aktar fl-akkordju jew impriża konnessa waħda jew aktar tagħhom imsemmija fil-punti (a) sa (d) u terz wieħed jew aktar.

KAPITOLU II

AKKORDJI VERTIKALI DWAR IX-XIRI, IL-BEJGĦ JEW IL-BEJGĦ MILL-ĠDID TA' VETTURI BIL-MUTUR ġODDA

Artikolu 2

Applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1400/2002

Skont l-Artikolu 101(3) tat-Trattat, mill-1 ta' Ġunju 2010 sal-31 ta' Mejju 2013, l-Artikolu 101(1) tat-Trattat ma għandux japplika għal akkordji vertikali relatati mal-kondizzjonijiet li taħthom il-partijiet jistgħu jixtru, jbiegħu jew jbiegħu mill-ġdid vetturi bil-mutur ġodda li jissodisfaw ir-rekwiżi għal eżenzjoni taħt ir-Regolament (KE) Nru 1400/2002 li huma relatati speċifikament ma' akkordji vertikali dwar ix-xiri, il-bejgħ jew il-bejgħ mill-ġdid ta' vetturi bil-mutur ġodda.

Artikolu 3

L-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 330/2010

B'effett mill-1 ta' Ġunju 2013, ir-Regolament (UE) Nru 330/2010 għandu japplika għal akkordji vertikali relatati max-xiri, il-bejgħ jew il-bejgħ mill-ġdid ta' vetturi bil-mutur ġodda.

KAPITOLU III

AKKORDJI VERTIKALI DWAR IS-SUQ TA' WARÀ L-BEJGĦ TAL-VETTURI BIL-MUTUR

Artikolu 4

Eżenzjoni

Skont l-Artikolu 101(3) tat-Trattat u suġġett għad-dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Artikolu 101(1) tat-Trattat ma għandux japplika għal akkordji vertikali relatati mal-kondizzjonijiet li taħthom il-partijiet jistgħu jixtru, ibiegħu jew ibiegħu mill-ġdid partijiet tal-bdil għall-vetturi bil-mutur jew jipprovd u servizzi ta' tiswija u manutenzjoni għall-vetturi bil-mutur li jissodisfaw ir-rekwiżi għal eżenzjoni taħt ir-Regolament (UE) Nru 330/2010 u ma fihomx kwalunkwe klawżola fundamentali elenka fl-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament.

Din l-eżenzjoni għandha tapplika sa fejn dawn l-akkordji jkunu jinkludu restrizzjonijiet vertikali.

Artikolu 5

Restrizzjonijiet li jneħħu l-benefiċċju tal-eżenzjoni ta' kategorija - restrizzjonijiet fundamentali

L-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 4 ma għandhiex tapplika għal akkordji vertikali li, direttament jew indirettament, waħedhom jew flimkien ma' fatturi oħra taħt il-kontroll tal-partijiet, ikollhom bħala għan:

(a) ir-restrizzjoni tal-bejgħ ta' partijiet tal-bdil għall-vetturi bil-mutur minn membri ta' sistema ta' distribuzzjoni selettiva lil garaxxijiet tat-tiswija indipendenti li jużaw dawk il-partijiet għaqqa jew manutenzjoni ta' vettura bil-mutur;

(b) ir-restrizzjoni, miftiehma bejn fornitur ta' partijiet tal-bdil, għoddha tat-tiswija jew tagħmir dijanostiku jew ieħor u manifattur ta' vetturi bil-mutur, tal-kapaċità tal-fornitur li jbiegħ dawk l-oġġetti lil distributuri awtorizzati jew indipendenti jew lil garaxxijiet tat-tiswija awtorizzati jew indipendenti jew lill-utenti finali;

(c) ir-restrizzjoni, miftiehma bejn manifattur ta' vetturi bil-mutur li juża komponenti għall-immuntar inizjali ta' vetturi bil-mutur u l-fornitur ta' tali komponenti, tal-kapaċità tal-fornitur li jpoġġi t-trejdmark jew il-logo tiegħu b'mod effettiv u faciilment viżibbli fuq il-komponenti forniti jew fuq il-partijiet tal-bdil.

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJET FINALI

Artikolu 6

Nuqqas ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament

Skont l-Artikolu 1a tar-Regolament Nru 19/65/KEE, il-Kummissjoni tista', permezz ta' regolament, tiddikjara li, fejn netwerks paralleli ta' restrizzjonijiet vertikali simili jkunu jkopru aktar minn 50 % ta' suq rilevanti, dan ir-Regolament ma għandux japplika għal akkordji vertikali li jkunu jinkludu restrizzjonijiet speċifiċi relatati ma' dak is-suq.

Artikolu 7

Rapport ta' monitoraġġ u evalwazzjoni

Il-Kummissjoni għandha timmonitorja t-tħaddim ta' dan ir-Regolament u tfassal rapport dwar it-tħaddim tiegħu sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2021, b'kunsiderazzjoni partikolari għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 101(3) tat-Trattat.

*Artikolu 8***Perijodu ta' validità**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2010.

Għandu jiġi fil-31 ta' Mejju 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħi u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Mejju 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 462/2010

tas-27 ta' Mejju 2010

dwar il-ftuħ ta' sejħa għall-offerti għat-tnaqqis tad-dazji fuq l-importazzjoni tal-qamħirrum impurtat lejn Spanja minn pajjiżi terzi għas-sena tal-kwota tal-2010

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

(5) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma ressaqx fehmtu fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-President tiegħu,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet spċifici għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS)⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 144(1) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-obbligi internazzjonali tal-Komunità fil-kuntest tan-negożjati multilaterali taċ-ċiklu tal-Urugwaj⁽²⁾, il-Komunità ħadet l-impenn li timporta ċerta kwantità ta' qamħirrum fi Spanja.
- (2) Il-Kapitolu II tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1296/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' kwoti ta' tariffi għall-importazzjoni ta' qamħirrum u sorgu fi Spanja u importazzjoni ta' qamħirrum fil-Portugall⁽³⁾ stabbilixxa r-regoli spċifici ddettaljati meħtieġa sabiex ikun hemm tnaqqis tad-dazji tal-importazzjoni tal-qamħirrum, biex il-kwota tal-importazzjoni tintuża bis-sħiħ.
- (3) Fid-dawl tal-qagħda tas-suq fi Spanja fl-2010, jeħtieġ li tinfetaħ sejħa għall-offerti għat-tnaqqis tad-dazju tal-importazzjoni tal-qamħirrum, biex il-kwota tal-importazzjoni tintuża bis-sħiħ.
- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 676/2009⁽⁴⁾ fet-ħad sejħa għall-offerti għat-tnaqqis tad-dazji tal-importazzjoni tal-qamħirrum impurtat lejn Spanja minn pajjiżi terzi sas-17 ta' Diċembru 2009. Din is-sejħa għall-offerti ttawwlet sas-27 ta' Mejju 2010 permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1292/2009⁽⁵⁾. Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 676/2009 għandu jitħassar.

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 336, 23.12.1994, p. 22.

⁽³⁾ ĠU L 340, 19.12.2008, p. 57.

⁽⁴⁾ ĠU L 196, 28.7.2009, p. 6.

⁽⁵⁾ ĠU L 347, 24.12.2009, p. 22.

Artikolu 1

1. Għandha ssir sejħa għall-offerti għat-tnaqqis tad-dazju msemmi fl-Artikolu 136 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għall-qamħirrum impurtat fi Spanja.

2. Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1296/2008.

Artikolu 2

Is-sejħa għall-offerti se tibqa' miftuħa sas-16 ta' Diċembru 2010. Matul il-perjodu tas-sejħa għall-offerti, għandhom isiru sejħiet parżjali għall-offerti li għalihom id-dati tat-tressiq tal-offerti għandhom ikunu stabbiliti fl-avviż tas-sejħa.

Artikolu 3

Il-liċenzji tal-importazzjoni maħruġa fil-kuntest ta' din is-sejħa għall-offerti għandhom ikunu validi għal ħamsin jum mid-data li fiha jinħarġu, skont it-tifsira tal-Artikolu 11(4) tar-Regolament (KE) Nru 1296/2008.

Artikolu 4

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 676/2009 għandu jitħassar.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-sejjħ fit-tielet jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Ġunju 2010.

Għandu jiskadi fis-16 ta' Diċembru 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' Mejju 2010

*Għall-Kummissjoni,
fisem il-President,
Dacian CIOLOŞ
Membru tal-Kummissjoni*

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 463/2010

tas-27 ta' Mejju 2010

dwar il-ftuħ ta' sejħa għall-offerti għat-tnaqqis tad-dazji fuq l-importazzjoni tal-qamħirrum impurtat lejn il-Portugall minn pajjiżi terzi għas-sena tal-kwota tal-2010

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

(5) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma ressaqx fehmtu fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-President tiegħu,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet spċifici għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS)⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 144(1) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-obbligi internazzjonali tal-Komunità fil-kuntest tan-negożjati multilaterali taċ-ċiklu tal-Urugwaj⁽²⁾, il-Komunità ħadet l-impenn li timporta ċerta kwantità ta' qamħirrum fil-Portugall.
- (2) Il-Kapitolu II tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1296/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' kwoti ta' tariffi għall-importazzjoni ta' qamħirrum u sorgu fi Spanja u importazzjoni ta' qamħirrum fil-Portugall⁽³⁾ stabbilixxa r-regoli spċifici ddettaljati meħtieġa sabiex ikun hemm tnaqqis tad-dazji tal-importazzjoni sabiex jiġi żgurat li l-kwantitajiet ipprovduti fl-Artikolu 1(1) u (2) ta' dak ir-Regolament ikunu tassew impurtati.
- (3) Fid-dawl tal-qagħda tas-suq fil-Portugall fl-2010, jeħtieġ li tinfetaħ sejħa għall-offerti għat-tnaqqis tad-dazju tal-importazzjoni tal-qamħirrum, biex il-kwota tal-importazzjoni tintuża bis-sħiħ.
- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 677/2009⁽⁴⁾ fetaħ sejħa għall-offerti għat-tnaqqis tad-dazji tal-importazzjoni tal-qamħirrum impurtat lejn il-Portugall minn pajjiżi terzi sas-17 ta' Diċembru 2009. Din is-sejħa għall-offerti ttawlet sas-27 ta' Mejju 2010 permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1292/2009⁽⁵⁾. Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 677/2009 għandu jitħassar.

Artikolu 1

1. Għandha ssir sejħa għall-offerti għat-tnaqqis tad-dazju msemmi fl-Artikolu 136 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għall-qamħirrum impurtat fil-Portugall.

2. Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1296/2008.

Artikolu 2

Is-sejħa għall-offerti se tibqa' miftuħa sas-16 ta' Diċembru 2010. Matul il-perjodu tas-sejħa għall-offerti, għandhom isiru sejħiet parżjali għall-offerti li għalihom id-dati tat-tressiq tal-offerti għandhom ikunu stabbiliti fl-avviż tas-sejħa.

Artikolu 3

Il-liċenzji tal-importazzjoni maħruġa fil-kuntest ta' din is-sejħa għall-offerti għandhom ikunu validi għal ħamsin jum mid-data li fiha jinħarġu, skont it-tifsira tal-Artikolu 11(4) tar-Regolament (KE) Nru 1296/2008.

Artikolu 4

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 677/2009 għandu jitħassar.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fit-tielet jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Ġunju 2010.

Għandu jiskadi fis-16 ta' Diċembru 2010.

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 336, 23.12.1994, p. 22.

⁽³⁾ ĠU L 340, 19.12.2008, p. 57.

⁽⁴⁾ ĠU L 196, 28.7.2009, p. 7.

⁽⁵⁾ ĠU L 347, 24.12.2009, p. 22.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' Mejju 2010

*Għall-Kummissjoni,
fisem il-President,
Dacian CIOLOŞ
Membru tal-Kummissjoni*

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 464/2010**tas-27 ta' Mejju 2010**

**dwar il-ftuħ ta' sejħa għall-offerti għat-tnaqqis tad-dazji fuq l-importazzjoni tas-sorgu impurtat lejn
Spanja minn pajjiżi terzi għas-sena tal-kwota tal-2010**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

(5) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma ressaqx fehmtu fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-President tiegħu,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS)⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 144(1) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-obbligi internazzjonali tal-Komunità fil-kuntest tan-negożjati multilaterali taċ-ċiklu tal-Urugwaj⁽²⁾, il-Komunità ħadet l-impenn li timporta ċerta kwantità ta' sorgu fi Spanja.

(2) Il-Kapitolu II tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1296/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' kwoti ta' tariffi għall-importazzjoni ta' qamħirrum u sorgu fi Spanja u importazzjoni ta' qamħirrum fil-Portugall⁽³⁾ stabbilixxa r-regoli speċifiċi ddettaljati meħtieġa sabiex ikun hemm tnaqqis tad-dazji tal-importazzjoni sabiex jiġi żgurat li l-kwantitajiet ipprovduti fl-Artikolu 1(1) u (2) ta' dak ir-Regolament ikunu tassew impurtati.

(3) Fid-dawl tal-qagħda tas-suq fi Spanja fl-2010, jeħtieġ li tinfetaħ sejħa għall-offerti għat-tnaqqis tad-dazju tal-importazzjoni tas-sorgu, biex il-kwota tal-importazzjoni tintuża bis-sħiħ.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 675/2009⁽⁴⁾ fet-ħad sejħa għall-offerti għat-tnaqqis tad-dazji tal-importazzjoni tas-sorgu impurtat lejn Spanja minn pajjiżi terzi sas-17 ta' Diċembru 2009. Din is-sejħa għall-offerti ttawwlet tas-27 ta' Mejju 2010 permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1292/2009⁽⁵⁾. Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 675/2009 għandu jitħassar.

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 336, 23.12.1994, p. 22.

⁽³⁾ ĠU L 340, 19.12.2008, p. 57.

⁽⁴⁾ ĠU L 196, 28.7.2009, p. 5.

⁽⁵⁾ ĠU L 347, 24.12.2009, p. 22.

Artikolu 1

1. Għandha ssir sejħa għall-offerti għat-tnaqqis tad-dazju msemmi fl-Artikolu 136 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għas-sorgu impurtat fi Spanja.

2. Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1296/2008.

Artikolu 2

Is-sejħa għall-offerti se tibqa' miftuħa sas-16 ta' Diċembru 2010. Matul il-perjodu tas-sejħa għall-offerti, għandhom isiru sejħiet parżjali għall-offerti li għalihom id-dati tat-tressiq tal-offerti għandhom ikunu stabbiliti fl-avviż tas-sejħa.

Artikolu 3

Il-liċenzji tal-importazzjoni maħruġa fil-kuntest tas-sejħa għall-offerti għandhom ikunu validi għal ħamsin jum mid-data li fiha jinħarġu, skont it-tifsira tal-Artikolu 11(4) tar-Regolament (KE) Nru 1296/2008.

Artikolu 4

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 675/2009 għandu jitħassar.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-sejjha fit-tielet jum wara' dak tal-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Ġunju 2010.

Għandu jiskadi fis-16 ta' Diċembru 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' Mejju 2010

*Għall-Kummissjoni,
fisem il-President,
Dacian CIOLOŞ
Membru tal-Kummissjoni*

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 465/2010**tas-27 ta' Mejju 2010****dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda****IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ**

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ⁽¹⁾, u speċjalment l-Artikolu 9(1)(a), tiegħi.

Billi:

- (1) Sabiex tīgi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda mehma ja mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa neċċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parżjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni maġħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet spċċifici tal-Unjoni, bil-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.
- (3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti msemmija fil-kolonna nru (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġi kklasifikati taħt il-kodiċi tan-NM indikata fil-kolonna nru (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna nru (3) ta' dik it-tabella.

Dan ir-Regolament għandu jkun vinkolanti fit-totalità tiegħu, u direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Mejju 2010.

*Għall-Kummissjoni,
fisem il-President,
Algirdas ŠEMETA
Membru tal-Kummissjoni*

⁽¹⁾ ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

ANNESS

| Deskrizzjoni tal-prodotti (1) | Klassifikazzjoni (Kodiċi tan-NM) (2) | Raġunijiet (3) |
|---|--|--|
| <p>Oġġett b'dimensjonijiet globali ta' 197 x 90 x 2 cm li jikkonsisti f'16-il strixxa ta' injam mastizz miżmuma flimkien permezz ta' żewġ faxxi tattessili mwaħħlin mal-injam permezz ta' stejpils tal-metall.</p> <p>L-istrixxi mhumiex għat-tond, u huma magħmulu minn injam tal-pajn mastizz mhux flessibbli.</p> <p>L-artikolu huwa maħsub biex jintuża flimkien ma' qafas ta' sodda bħala appoġġ għal saqqu.</p> | 9404 10 00 | <p>Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 3(B) ta' Kapitolo 94 u bil-kliem tal-Kodiċi NM 9404 u 9404 10 00.</p> <p>Għalkemm l-istrixxi m'huma la għat-tond u lanqas flessibbli, l-artikolu kollu kemm hu huwa konformi mat-termini tal-intestatura 9404 minħabba li huwa ddisinjat bħala appoġġ għal saqqu.</p> <p>Klassifikazzjoni taħt il-kodiċi NM 9403 90 30 bħala parti minn sodda hija eskluża, minħabba li appoġġ għal saqqu, ippreżentat separatament, m'għandux jiġi kklassifikat bħala parti-jiet ta' oġġett skont in-Nota 3(B) tal-Kapitolo 94.</p> <p>Għaldaqstant, l-oġġett għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi tan-NM bin-numru 9404 10 00 bħala appoġġ għal saqqu.</p> |

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 466/2010**tas-27 ta' Mejju 2010**

li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet spċifici għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-setturi tal-frott u ħxejjex ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negożjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-28 ta' Mejju 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Mejju 2010.

Għall-Kummissjoni,
fisem il-President,

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

ANNESS

il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (¹) | Valur fissi tal-importazzjoni |
|------------|----------------------------|-------------------------------|
| 0702 00 00 | MA | 50,2 |
| | MK | 50,2 |
| | TN | 78,3 |
| | TR | 66,2 |
| | ZZ | 61,2 |
| 0707 00 05 | AL | 50,2 |
| | MA | 37,3 |
| | MK | 70,2 |
| | TR | 121,7 |
| | ZZ | 69,9 |
| 0709 90 70 | TR | 104,0 |
| | ZZ | 104,0 |
| 0805 10 20 | EG | 61,4 |
| | IL | 52,5 |
| | MA | 56,2 |
| | US | 60,2 |
| | ZA | 55,4 |
| | ZZ | 57,1 |
| 0805 50 10 | AR | 94,7 |
| | BO | 58,6 |
| | BR | 112,1 |
| | TR | 91,7 |
| | ZA | 102,5 |
| | ZZ | 91,9 |
| 0808 10 80 | AR | 78,8 |
| | BR | 77,3 |
| | CA | 113,1 |
| | CL | 87,0 |
| | CN | 106,3 |
| | MK | 26,7 |
| | NZ | 116,8 |
| | US | 141,1 |
| | ZA | 99,5 |
| 0809 20 95 | ZZ | 94,1 |
| | TR | 541,2 |
| | US | 328,1 |
| | ZZ | 434,7 |

(¹) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrapreżenta "oriġini oħra".

DEĊIJONIJIET

DEĊIJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Mejju 2010

dwar il-konklużjoni ta' Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Avjazzjoni Ċivili u l-Komunità Ewropea f'dak li għandu x'jaqsam mal-verifikasi/l-ispezzjonijiet tas-sigurtà u l-kwistjonijiet relatati

(2010/302/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

(5) Il-MtK għandu jiġi approvat.

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 218(8) tiegħu,

(6) Il-Paragrafu 6(3) tal-MtK jipprevedi li l-MtK għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara l-aħħar miż-żewwg notifikasi li bihom il-partijiet ikunu għarrfu lil xulxin dwar it-tmien tal-proċeduri interni rispettivi tagħhom. B'hekk, il-President tal-Kunsill għandu jkun awtorizzat li jagħmel in-notifika meħtieġa fisem l-Unjoni,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Fit-30 ta' Novembru 2007, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati dwar ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Avjazzjoni Ċivili (l-ICAO) dwar il-verifikasi/l-ispezzjonijiet għas-sigurtà fl-avjazzjoni u kwistjonijiet relatati.
- (2) Il-Kummissjoni nnegozjat, fisem l-Unjoni, Memorandum ta' Kooperazzjoni (MtK) mal-ICAO f'dak li għandu x'jaqsam mal-verifikasi/l-ispezzjonijiet tas-sigurtà u l-kwistjonijiet relatati f'konformità mad-direttivi mniż-żlin fl-Anness I għad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negożjati u mal-proċedura *ad hoc* imniż-żla fl-Anness II tagħha.
- (3) Il-Mtk ġie ffirmat fis-17 ta' Settembru 2008 fisem il-Komunità suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f-data aktar 'il quddiem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/97/KE tal-24 ta' Lulju 2008 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Avjazzjoni Ċivili u l-Komunità Ewropea f'dak li għandu x'jaqsam mal-verifikasi/l-ispezzjonijiet tas-sigurtà u l-kwistjonijiet relatati (¹).
- (4) Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona fl-1 ta' Diċembru 2009, l-Unjoni Ewropea għandha tagħmel notifikasi lill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Avjazzjoni Ċivili (l-ICAO) fir-rigward tal-fatt li l-Unjoni Ewropea ssostitwiet u ssuċċediet lill-Komunità Ewropea.

Artikolu 1

1. Il-Memorandum ta' Kooperazzjoni (MtK) bejn il-Komunità Ewropea u l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Avjazzjoni Ċivili f'dak li għandu x'jaqsam mal-verifikasi/l-ispezzjonijiet tas-sigurtà u l-kwistjonijiet relatati huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni.

2. It-test tal-MtK huwa anness ma' din id-Deċiżjoni (²).

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa awtorizzat li jinnomina l-persuna li għandha s-setgħa tagħmel in-notifika prevista fil-paragrafu 6(3) tal-MtK u li jagħmel din in-notifika:

“Bħala konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona fl-1 ta' Diċembru 2009, l-Unjoni Ewropea ssostitwiet u ssuċċediet lill-Komunità Ewropea u minn dik id-data teżerċita d-drittijiet kollha u tassumi l-obbligli kollha tal-Komunità Ewropea. Għaldaqstant, ir-referenzi għal ‘il-Komunità Ewropea’ fit-test tal-MtK għandhom, fejn xieraq, jinqraw bħala ‘l-Unjoni Ewropea.”.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Mejju 2010.

Għall-Kunsill

Il-President

Á. GONZÁLEZ-SINDE REIG

⁽¹⁾ ĠU L 36, 5.2.2009, p. 18.

⁽²⁾ ĠU L 36, 5.2.2009, p. 19.

DEĊIJONI TAL-KUNSILL
tal-25 ta' Mejju 2010
li taħtar membru Daniż tal-Kumitat tar-Reġjuni
(2010/303/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

Artikolu 1

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Huma b'dan maħturi fil-Kumitat tar-Reġjuni bħala membru għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2015:

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Daniż,

— Is-Sur Jan BOYE

Rådmand

Artikolu 2

- Billi:
- (1) Fit-22 ta' Diċembru 2009 u fit-18 ta' Jannar 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet 2009/1014/UE u 2010/29/UE li jaħtru l-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-periżjodu mis-26 ta' Jannar 2010 sal-25 ta' Jannar 2015 (¹).
 - (2) Sar vakanti siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni wara t-tmien tal-mandat tas-Sur Jens Jørgen NYGAARD.

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Mejju 2010.

Għall-Kunsill


Il-President

M. SEBASTIÁN

^(¹) ĠU L 348, 29.12.2009, p. 22 u ĠU L 12, 19.1.2010, p. 11.

EU Book shop

Il-publikazzjonijiet kollha
tal-UE li INT qed tfittex!



bookshop.europa.eu

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|--|---|--------------------|
| Il-Ġurnal Ufficijal tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa ufficijali tal-UE | 1 100 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Ufficijal tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa ufficijali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Ufficijal tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa ufficijali tal-UE | 770 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Ufficijal tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa ufficijali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Ufficijal (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa ufficijali tal-UE | 300 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Ufficijal tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

L-abbonament f'Il-Ġurnal Ufficijal tal-Unjoni Ewropea, li joħroġ fil-lingwi ufficijali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Ufficijal L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Ufficijali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Ufficijal (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika ufficijali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikiesta, l-abbonament f'Il-Ġurnal Ufficijal tal-Unjoni Ewropea jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Ufficijal. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'Il-Ġurnal Ufficijal tal-Unjoni Ewropea.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'Il-Ġurnal Ufficijal tal-Unjoni Ewropea, huma disponibbli mill-ufficiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-ufficiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġjet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat Il-Ġurnal Ufficijal tal-Unjoni Ewropea u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

